**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum il-Gimgha, 13 ta' Lulju 2001**

**Numru 26**

**Citaz. Nru. 1213/94 FDP**

**John Galdes ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Galdes & Mamo Ltd agenti f'Malta tas-socjeta` assikurattrici Royal International Insurance Holdings Limited u dina kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha s-socjeta` J.P. Baldacchino and Company Limited;**
**U b'nota tal-25 ta' April 2000 is-socjeta` Gasan Mamo Insurance Agency Limited assumiet l-attir tal-kawza minflok is-socjeta` Galdes and Mamo Ltd u dana in rapprezentanza tas-socjeta` assiguratrici estera Royal International Insurance Holdings Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha fuq indikat.**

**Vs**

**George Vella f'ismu *proprio* u Saviour Vella f'isem Emanuel Vella and Sons;**
**U b'digriet tat-28 ta' Ottubru 1997 is-socjeta` John Ripard & sons Ltd giet kjamata in kawza.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi s-socjeta` J. P. Baldacchino and Company Limited impurtat tnax-il pallet kontenenti tlett mija u tlett (303) bags rigging hardware li waslu Malta fid-7 ta' Settembru 1993 fuq il-vapur MV Arabian Sea (Dok A);

Premess illi meta dawn il-pallets gew ikkonsenjati lill-impurtatur irrizulta li kien hemm nuqqas ta' tnejn u tletin (32) bags (Dok B);

Premess illi ghal dan in-nuqqas is-socjeta` attrici kif obbligata sia bil-polza u sia bil-ligi hallset kumpens ta' sitt mija disgha u tmenin lira u sebgha u disghin centezmu (Lm689.97) u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet ta' l-impurtatur;

Premess illi l-konvenut huwa responsabbli ghal dan in-nuqqas;

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenut *proprio et nomine* responsabbli ghan-nuqqas fuq indikat;

2. Tikkundanna lill-konvenut *proprio et nomine* ihallas is-somma ta' sitt mija disgha u tmenin lira u sebgha u disghin centezmu (Lm689.97) bl-

interess skond il-ligi in linea ta' danni sofferti mill-importatur u li d-drittijiet ghalihom gew surrogati lill-attur *nomine*;

Bl-ispejjez u bl-interess kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur *nomine*, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut George Vella *proprio et nomine* li permezz taghha eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet attrici fil-konfront ta' George Vella *proprio* kellhom jigu respinti kontra tieghu stante li huwa ma kellu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` assigurata u ghalhekk ghandu jigi libera miil-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi fit-tieni lok r-rapprezentanza guridika tas-socjeta` konvenuta ma hiex vestita fl-eccipjent George Vella izda f'isem huh Saviour Vella;

3. Illi t-talbiet attrici kellhom jigu respinti wkoll fil-konfront tas-socjeta` konvenuta peress illi hija ma kienetx responsabbli ghan-nuqqas allegat;

U ghamel riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun hemm bzonn, u bl-ispejjez kontra l-attur;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Ottubru 1997 li permezz tieghu l-Qorti ordnat li tigi msejha fil-kawza s-socjeta` John Ripard & Sons Limited wara talba apposita tad-difensur tas-socjeta` attrici;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-imsemmija socjeta` imsejha fil-kawza li fiha eccepiet:-

1. Illi preliminarjament l-preskrizzjoni ai termini ta' l-artikolu 544(e) tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta – Kodici tal-Kummerc;

2. Illi minghajr pregudizzju s-socjeta` John Ripard & Sons Limited esegwiet ix-xoghlijiet in kwistjoni skond l-arti u s-sengha u skond ir-regolamenti that supervizjoni ta' l-impjegati tad-Dwana u s-socjeta` importatrici ffirmat ircevuta minghajr rikmarki;

3. Illi s-socjeta` John Ripard & Sons Limited ma kienetx responsabbli ghal xi nuqqas li seta' kien hemm;

U ghamlet riserva ghall-eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta` kjamata fil-kawza u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat id-digriet taghha tat-3 ta' Novembru 1995 li permezz tieghu giet nominata bhala espert legali l-avukat Dr. Irene Bonello biex tfittex u tirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici u wara tiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati u taghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess espert legali li tinsab a fol 120 *et sequitur* tal-process u li giet minnha debitament konfermata fl-Udjenza tad-19 ta' Lulju 2000;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi s-socjeta` attrici hija socjeta` ta' assigurazzjoni u qed tagixxi bhala surrogata fid-drittijiet tas-socjeta` J.P. Baldacchino and Company Limited u pprezentat din ic-citazzjoni biex titlob in linea ta' danni r-rifuzjoni ta' l-ammont li kienet hallset lill-imsemmi assigurat taghha;

Illi dan il-kaz jirrigwarda numru ta' xkejjer li gew rapportati nieqsa u li suppost kienu flimkien ma' diversi ohra mpoggijin fuq tnax-il pallet, li kien fihom "*rigging hardware*";

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta Vella dina giet konsiderata bejn il-

kontendenti u wara l-Verbal ta' l-Udjenza tad-9 ta' Dicembru 1994 l-Qorti mhix ser tiehu aktar konjizzjoni taghha;

Illi rrizulta wkoll li George Vella kien qed jagixxi biss bhala impjegat ta' Emanuel Vella & Sons u ghalhekk it-tieni eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta ghandha tigi milqugha; l-istess jinghad dwar it-tielet eccezzjoni ta' l-istess socjeta` u dan in vista tal-fatt li rrizulta li meta s-socjeta` konvenuta marret biex tirtira l-konsenja mill-bonded stores tas-socjeta` imsejha fil-kawza huwa kien sab l-imsemmija 32 xkora nieqsa u dana anki fid-dawl tal-konferma ta' din l-eccezzjoni da parti tar-rapprezentant tad-Dwana Raphael Aquilina;

Illi l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` kjamata fil-kawza cioe` dik relattiva ghal preskrizzjoni ma hix sosteninbbli peress li l-kawza odjerna hija azzjoni tad-danni sofferti mill-importatur u ghalhekk l-Artikolu citat mis-socjeta` kjamata fil-kawza mhuwiex applikabbli;

Illi in kwantu ghall-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mis-socjeta` kjamata fil-kawza irid jigi rilevat li dawn jirreferu ghal kwistjoni jekk l-oggetti li nstabu nieqsa kienux naqsu meta l-operazzjoni kienet f'idejn is-socjeta` msejha fil-kawza jew inkella jekk dawn fil-fatt ma jirrizultax li dahlu fil-kontroll taghha. Dwar dan il-punt il-Qorti taghti hafna importanza lix-xhieda moghtija minn George Vella li kien inkarigat mis-socjeta` importatrici biex jigbor il-merkanzija mill-bonded stores ta' John Ripard & Sons Limited; huwa jikkonferma li sab l-ixkejjer

marbutin fuq tnax-il pallet izda meta ccekkja li fuq dawn il-pallets suppost li kien hemm 303 xkejjer huwa kkontrolla u sab li kien hemm 32 xkora nieqsa. Meta huwa gharraf b'dan lir-rapprezentant tal-bonded stores dana wiegbu li huwa ma kien ser jaghmillu l-ebda nuqqas fuq il-Gate Pass Out ghaliex fuq il-karti li kienu inhargu kien hemm dikjarazzjoni li kien hemm tnax-il pallet u ma kien hemm l-ebda indikazzjoni ta' kemm il-xkora suppost kien fihom kull pallet;

Illi x-xhud Theuma rapprezentant tas-socjeta` kjamata fil-kawza kkonferma li anki qabel ma fetah il-container in kwistjoni, is-sigilli kienu intatti u li kienu rritornawhom lil burdnar fl-istess kondizzjoni li kienu rcivewhom; huwa ikkonferma li l-pallets in kwistjoni kienu waslu issigillati individwalment u baqghu hekk sal-mument tal-konsenja lill-burdnar. Huwa tassew sinifikattiv il-konferma tieghu illi "*kull pallet kien issigillat bi steel strapping (aljetti)*" u hekk gew konsenjati lill-burdnar mibghut mis-socjeta` J.P. Baldacchino Limited. Zgur li l-isteel strappings (aljetti) kienu intatti tat-tnax-il pallet meta l-burdnar irtirahom;

Illi minn ezami tad-diversi xhieda u dokumenti esebiti, il-Qorti taqbel ma' l-abbli relattrici li jirrizulta mill-provi prodotti li kien hemm nuqqas ta' 32 xkora fil-konsenja peress li dawn gew "*short packed*" qabel ma' l-pallets gew issigillati, u ghalhekk ghal dan in-nuqqas ma humiex responsabbli la l-konvenuti u lanqas s-socjeta` kjamata fil-kawza.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Wara li tilqa' l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenuti kif ukoll it-tieni, it-tielet u r-raba' eccezzjoni tas-socjeta` kjamata fil-kawza;

Tichad it-talbiet attrici kif dedotti fic-citazzjoni.

L-ispejjez jithallsu mis-socjeta` attrici.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur